KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ppreżentati fis-16 ta' Mejju 2013[1]

**Kawża C-203/12**

**Billerud Karlsborg AB,**
**Billerud Skärblacka AB**
**vs**
**Naturvårdsverket**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta domstolen (l-Isvezja)]

"Sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità — Obbligu tal-operatur li ma jirrestitwixxix numru ta' kwoti suffiċjenti sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu sat-30 ta' April ta' kull sena li jħallas multa, indipendentement mir-raġuni tan-nuqqas ta' restituzzjoni — Nuqqas ta' tniġġis ta' livell ogħla mill-kwantità awtorizzata — Impossibbiltà ta' remissjoni jew ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa — Proporzjonalità"

1. Permezz ta' dan ir-rinviju preliminari, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża s-sistema ta' multi marbuta mal-ksur tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE[2] u, b'mod iktar preċiż, mal-ksur minn operatur tal-obbligu ta' restituzzjoni, sat-30 ta' April tas-sena kkonċernata, tal-kwoti li jikkorrispondu mal-emissjonijiet totali tal-installazzjoni matul is-sena preċedenti.

## I – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Id-Direttiva 2003/87*

2. Id-Direttiva 2003/87/KE tistabbilixxi, skont l-Artikolu 1 tagħha, "skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità [...] sabiex tippromwovi tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod effettiv meta mqabbel ma l-ispiża u ekonomikament effiċjenti".

3. Is-sistema hija organizzata skont kif ġej. L-Istati Membri jfasslu, b'mod individwali, pjan nazzjonali li jippreċiża l-kwantità totali ta' kwoti li huma jkollhom l-intenzjoni jallokaw għall-perijodu kkonċernat u l-mod kif huma jipproponu li jassenjawhom[3]. Sussegwentement, kull pjan nazzjonali jiġi ppubblikat u nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll lill-Istati Membri l-oħra[4]. Għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2007, l-Istati Membri kellhom jallokaw mill-inqas 95 % tal-kwoti b'xejn[5].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631.
3 — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/87.
4 — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/87.
5 — Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87.

4. Fuq il-bażi ta' dawn il-pjanijiet nazzjonali, kull Stat Membru "għandu jiddeċiedi l-kwantità totali tal-kwoti li jrid jalloka […] u l-allokazzjoni ta' dawn il-kwoti lill-operatur ta' kull waħda mill-istallazzjonijiet"[6]. Dawn il-kwoti huma trasferibbli[7] u għandhom jiġu rrestitwiti kull sena, b'mod li "l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, l-iktar tard sat 30 ta' April ta' kull sena, l-opertur ta' kull waħda mill-istallazzjonijiet iċedi numru ta' kwoti egwali għall-emissjonijiet totali minn din l-istallazzjoni matul is-sena kalendarja ta' qabel kif verifikat skond l-Artikolui15, u dawn jiġu sossegwentement ikkanċellati"[8].

5. Finalment, sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87, "[l]-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li jistgħu jiġu applikati għall-kontravvenzjonijiet kontra d-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali pprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi […]"[9]. L-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87 jirregola l-multi għan-nuqqas ta' restituzzjoni u jipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw illi kull operatur li ma jċedix kwoti biżżejjed sat-30 ta' April ta' kull sena sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu matul is-sena ta' qabel għandu jinżamm lijabbli li jħallas penali għall-eċċess ta' l-emissjonijiet […]"[10]. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-1 ta' Diċembru 2007, l-Istati Membri kellhom japplikaw, għall-emissjonijiet żejda, multa ta' EUR 40 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju mormija emessi minn installazzjoni li għaliha l-operatur ma jkunx irrestitwixxa l-kwoti[11]. Fi kwalunke każ, il-ħlas tal-multa ma għandux jeħles lill-operatur mill-obbligu li jirrestitwixxi ammont ta' kwoti li jkun ugwali għal dawn l-emissjonijiet żejda meta jirrestitwixxi l-kwoti li jikkorrispondu mas-sena sussegwenti[12].

B – *Id-dritt Svediż*

6. Il-liġi Nru 1199 tal-2004 dwar l-iskambji ta' kwoti ta' emissjonijiet [lagen (2004:1199) om handel med utsläppsrättigheter, iktar 'il quddiem il-liġi "EQE"] ittrasponiet fid-dritt Svediż id-Direttiva 2003/87. Fil-verżjoni applikabbli meta seħħew il-fatti, din kienet tipprovdi li l-operatur kellu jiddetermina jew ikejjel l-emissjonijiet tiegħu ta' dijossidu tal-karbonju u jippreżenta annwalment dikjarazzjoni vverifikata tal-imsemmija emissjonijiet[13]. Id-dikjarazzjoni tal-emissjonijiet tas-sena preċedenti għandha tiġi ppreżentata lin-Naturvårdsverket (awtorità ta' sorveljanza) sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti[14]. Imbagħad, sa mhux iktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, l-operatur ikollu jirrestitwixxi lill-iStatens energimyndighet (awtorità nazzjonali tal-enerġija) inkarigata mill-amministrazzjoni tar-reġistru tan-numru ta' kwoti li jikkorrispondu għall-emissjonijiet totali ta' kull installazzjoni matul is-sena preċedenti[15]. L-operatur li ma jkunx irrestitwixxa kwoti biżżejjed biex ikopri l-emissjonijiet tiegħu huwa obbligat iħallas multa fuq l-emissjonijiet żejda ta' EUR 40 għal kull tunnellata ta' dijossidu tal-karbonju mormija mill-installazzjoni u li għaliha l-operatur ma jkunx irrestitwixxa l-kwota[16]. Il-ħlas tal-multa ma jeħlisx lill-operatur mill-obbligu tiegħu li jirrestitwixxi numru ta' kwoti ugwali għall-emissjonijiet żejda tiegħu meta jirrestitwixxi l-kwoti korrispondenti għas-sena sussegwenti[17].

6 — Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87.

7 — Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/87.

8 — Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87.

9 — Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87.

10 — Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87.

11 — Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2003/87.

12 — Artikolu 16(4), *in fine,* tad-Direttiva 2003/87.

13 — L-Artikolu 1 tal-Kapitolu 5 tal-liġi EQE. L-operatur li ma jkunx bagħat dikjarazzjoni vverifikata sal-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti għandu jħallas multa ta' dewmien ta' 20 000 SEK ħlief jekk ikun jidher b'mod ċar li din ma hijiex iġġustifikata. L-ammont ta' din il-multa, li ma jistax jitnaqqas, jista' jkun suġġett għal remissjoni (ara l-Artikolu 5a tal-Kapitolu 8 tal-liġi EQE).

14 — L-Artikolu 1 tal-Kapitolu 5 tal-liġi EQE.

15 — L-Artikolu 1 tal-Kapitolu 6 tal-liġi EQE.

16 — L-Artikolu 6 tal-Kapitolu 8 tal-liġi EQE. Il-kontrovalur fi Kroners Svediżi huwa stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 8 tal-liġi EQE.

17 — L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 8 tal-liġi EQE.

## II – Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

7. Billerud Karlsborg AB u Billerud Skärblacka AB huma żewġ kumpanniji Svediżi li għandhom awtorizzazzjonijiet għal emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju. Għas-sena 2006, huma kellhom emissjonijiet ta' 10 828 u 42 433 tunnellata tad-dijossidu tal-karbonju rispettivament. Huwa paċifiku li dawn il-kumpanniji kellhom, fil-kontijiet tat-tranżazzjonijiet tagħhom, kwoti ta' emissjonijiet li jikkorrispondu għall-emissjonijiet effettivi għas-sena 2006.

8. Madankollu, ebda kwota ma ġiet irrestitwita mill-imsemmija kumpanniji fit-30 ta' April 2007. Għaldaqstant, il-kontijiet ta' tranżazzjoni taż-żewġ kumpanniji ġew ibblokkati mill-awtorità inkarigata mill-amministrazzjoni tar-reġistru u l-kwoti li jikkorrispondu mal-emissjonijiet totali tal-installazzjoni matul is-sena kalendarja 2006 kellhom jiġu rrestitwiti qabel it-30 ta' April 2008, fl-istess waqt mal-kwoti li jikkorrispondu mal-emissjonijiet totali tal-installazzjoni minn dawn iż-żewġ kumpanniji matul l-2007.

9. Bħala konsegwenza ta' dan il-ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni li kellhom iwettqu l-operaturi sa mhux iktar tard mit-30 ta' April, in- Naturvårdsverket barra minn hekk imponiet, fl-10 ta' Diċembru 2007, multa ta' 3 959 366 SEK fuq Billerud Karlsborg AB u multa ta' 15 516 051 SEK fuq Billerud Skärblacka AB. L-imsemmija kumpanniji ressqu rikors ġudizzjarju kontra d-deċiżjonijiet li imponew il-multi fl-ewwel istanza, u sussegwentement, fl-appell, mingħajr suċċess.

10. Quddiem il-qorti tar-rinviju, huma ppreżentaw rikors għal reviżjoni u lment minħabba difett proċedurali serju billi argumentaw li huma kellhom, fil-kontijiet rispettivi tagħhom, fit-30 ta' April 2007, kwoti ekwivalenti għall-emissjonijiet reali tal-2006 u li r-restituzzjoni li t-tnejn li huma kellhom l-intenzjoni li jwettqu ma setgħetx issir minħabba nuqqasijiet amministrattivi interni. Għalhekk, huma jikkunsidraw li d-dispożizzjonijiet tal-liġi EQE ma ġewx miksura fir-realtà u li, konsegwentement, ma teżisti ebda bażi legali għall-impożizzjoni taż-żewġ multi. Anki jekk id-deċiżjonijiet li jimponu l-multi ma jitqisux li ma għandhomx bażi legali, iż-żewġ kumpanniji rikorrenti jitolbu lill-qorti tar-rinviju tnaqqas l-ammont tal-multi finanzjarji għal 0 SEK, jew għal 20 000 SEK, jew għal ammont xieraq, inkwantu l-multi imposti, b'ammont totali ta' kważi 20 miljun SEK, huma sproporzjonati peress li huwa paċifiku li l-imsemmija kumpanniji ma pproduċewx iktar emissjonijiet minn dawk permissibbli. Huma jsostnu f'dan ir-rigward li peress li l-multi imposti huma paragunabbli għal akkuża fil-qasam penali, applikazzjoni stretta tar-regoli relatati mal-multi previsti fil-liġi EQE, mingħajr possibbiltà ta' tnaqqis, tmur kontra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

11. Il-qorti tar-rinviju tikkonstata, min-naħa tagħha, li d-dispożizzjonijiet dwar il-multi tan-nuqqas ta' restituzzjoni fit-30 ta' April previsti fil-liġi EQE huma mnebbħa direttament mid-Direttiva 2003/87, li tipprovdi li multa ta' EUR 40 għal kull tunnellata ta' dijossidu tal-karbonju għandha tiġi imposta kontra l-operaturi li ma jkunux irrestitwixxew kwoti suffiċjenti sat-30 ta' April. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-fatt jekk tali multa, li l-prinċipju tagħha huwa stabbilit mill-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87, hijiex imposta biss f'każ ta' emissjonijiet żejda jew jekk għandhiex tiġi imposta wkoll meta jkun stabbilit li l-operatur kellu kwoti suffiċjenti iżda ma rrestitwixxihomx minħabba sempliċi nuqqas. Barra minn hekk, minħabba r-referenzi fid-Direttiva 2003/87 għad-drittijiet fundamentali [18] u għall-prinċipju ta' proporzjonalità [19], il-qorti nazzjonali tistaqsi jekk huwiex possibbli, filwaqt li jiġu osservati r-rekwiżiti tad-Direttiva, li jsir tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti.

18 — Ara l-premessa 27 tad-Direttiva 2003/87.

19 — Ara l-premessa 30 u l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87.

12. Billi kellha diffikultà dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Högsta domstolen (l-Isvezja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u, permezz ta' deċiżjoni ta' rinviju li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' April 2012, għamlet iż-żewġ domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi tal-Artikolu 267 tat-Trattat:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 għandhom bħala effett li operatur li ma jċedix kwoti biżżejjed sat-30 ta' April għandu jħallas penali, irrispettivament mill-motiv għan-nuqqas ta' ċediment, pereżempju anki fil-każ li l-operatur kellu effettivament kwoti biżżejjed fit-30 ta' April, iżda ma ċedihomx f'din id-data minħabba negliġenza, żball amministrattiv jew problema teknika?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 jippermettu li tingħata remissjoni tal-penali jew tnaqqis tal-ammont tagħha, pereżempju fil-każijiet deskritti fl-imsemmija domanda?"

## III – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Iż-żewġ kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali, in-Naturvårdsverket, il-Gvern Grieg kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

## IV – Analiżi ġuridika

14. Sabiex inwieġeb il-mistoqsijiet tal-qorti tar-rinviju, nixtieq nibda billi nispjega l-loġika tas-sistema ta' skambju stabbilita mid-Direttiva 2003/87. Wara ser niffoka b'mod partikolari fuq l-Artikolu 16(3) u (4) tal-imsemmija direttiva, u s-sitwazzjoni tal-operatur li ma jirrestitwixxix ammont suffiċjenti ta' kwoti għaliex ma jkollux biżżejjed u ma jkunx akkwista kwoti mis-suq, meta mqabbla mas-sitwazzjoni tal-operatur li jikser l-obbligu ta' restituzzjoni previst mid-Direttiva 2003/87 minkejja li jkollu numru suffiċjenti ta' kwoti sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu. Minn dan jirriżulta li l-bażi ġuridika tal-multi imposti fil-kuntest tal-kawża prinċipali ma huwiex l-Artikolu 16(3) u (4) iżda l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87, u għalhekk tinħoloq problema ġdida, li tirrigwarda l-proporzjonalità tal-imsemmija multi, li teħtieġ il-formulazzjoni ta' numru ta' osservazzjonijiet finali.

### A – *Il-loġika tas-sistema ta' skambju stabbilita mid-Direttiva 2003/87*

15. L-adozzjoni tad-Direttiva 2003/87 tikkostitwixxi l-inkorporament, fid-dritt tal-Unjoni, tal-impenn li taw il-Komunità u l-Istati Membri fix-xena internazzjonali li jieħdu sehem fi sforz kollettiv sabiex jirrazzjonalizzaw u jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra responsabbli għall-bidliet klimatiċi li jagħmlu ħsara lill-ambjent [20]. Sabiex l-objettiv ta' tnaqqis bi 8% tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbel mal-livell ta' emissjonijiet fl-1990 jintlaħaq b'mod iktar effikaċi għall-perijodu 2008-2012 [21], id-Direttiva 2003/87 tipprovdi li għandu jiġi stabbilit, f'diversi stadji, "suq Ewropew effiċjenti fil-għoti ta' kwoti għall-emissjoni tal-gassijiet serra, bl-inqas tnaqqis possibbli ta' l-iżvilupp ekonomiku u tax-xogħol" [22].

16. Essenzjalment, is-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni Ewropea tista' tiġi deskritta fit-termini li ġejjin.

20 — Ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, Ġabra p. I-9895, punti 28 *et seq.*)

21 — Premessa 2 tad-Direttiva 2003/87.

22 — Premessa 5 tad-Direttiva 2003/87.

17. Kull installazzjoni li l-attività tagħha taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87[23] għandha, sa mill-1 ta' Jannar 2005, ikollha awtorizzazzjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra[24]. Din l-awtorizzazzjoni tingħata biss jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti jidhrilha li l-operatur responsabbli għall-installazzjoni inkwistjoni "huwa kapaċi li jimmonitorja u jirrapporta l-emissjonijiet"[25].

18. B'mod parallel, l-Istati Membri jfasslu, b'mod individwali, pjan nazzjonali għall-allokazzjoni tal-kwoti għal kull perijodu stabbilit mid-Direttiva 2003/87[26] li jiddetermina l-kwantità totali ta' kwoti allokati għall-perijodu kkonċernat[27]. Għall-perijodu ta' tliet snin li beda jiddekorri fl-1 ta' Jannar 2005 – li matul tiegħu ġew imposti ż-żewġ multi inkwistjoni fil-kawża prinċipali –, l-Istati Membri kellhom jiddeċiedu dwar il-kwantità totali ta' kwoti allokati u l-attribuzzjoni ta' dawn il-kwoti lill-operatur ta' kull installazzjoni[28]. Parti mill-kwantità ta' kwoti ddeterminata għall-perijodu kollu tingħata kull sena lill-operatur sa mhux iktar tard mit-28 ta' Frar[29].

19. L-emissjonijiet għandhom jiġu ssorveljati[30] mill-operaturi u kull operatur għandu, għan dan il-għan, jiddikjara lill-awtorità kompetenti l-emissjonijiet tal-installazzjoni tiegħu[31]. Din id-dikjarazzjoni ta' emissjonijiet għas-sena preċedenti għandha tiġi vverifikata minn awditur indipendenti tal-operatur[32] u l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinżamm infurmata[33]. Jekk ikun jidher li d-dikjarazzjoni tal-emissjonijiet li tirrigwarda s-sena preċedenti ma tkunx ġiet rikonoxxuta bħala sodisfaċenti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu mezz li l-operatur ikkonċernat ma jkunx jista' iktar jittrasferixxi kwoti[34].

20. Sa mhux iktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, kull operatur ta' installazzjoni għandu jipproċedi għar-restituzzjoni ta' kwoti, jiġifieri għandu jirrestitwixxi numru ta' kwoti li jikkorrispondu mal-emissjonijiet totali tal-installazzjoni tiegħu matul is-sena preċedenti[35]. Dan l-obbligu ta' restituzzjoni annwali huwa ppreċiżat ukoll lill-operatur fl-awtorizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra[36]. Din ir-restituzzjoni tippreċedi l-aħħar stadju li huwa dak tal-annullament tal-kwoti mogħtija li jkunu effettivament intużaw[37].

23 — Għalkemm dan ma huwiex rilevanti għal din il-kawża, nindika li dan il-kamp ta' applikazzjoni ġie estiż dan l-aħħar mid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, p. 63).

24 — Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2003/87.

25 — Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2003/87.

26 — Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87.

27 — Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87.

28 — Artikoli 10 u 11(1) tad-Direttiva 2003/87.

29 — Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2003/87.

30 — Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2003/87.

31 — Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/87.

32 — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15 u l-Anness V tad-Direttiva 2003/87.

33 — L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87.

34 — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87. Dwar in-natura trasferibbli tal-kwoti, ara l-Artikolu 12(1) tal-imsemmija direttiva.

35 — Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87. Il-proċedura ta' restituzzjoni hija rregolata mill-Artikoli 52 *et seq* tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004, tal-21 ta' Diċembru 2004, għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri skond id-Direttiva [2003/87] u mid-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 386, p. 1).

36 — Artikolu 6(2)(e) tad-Direttiva 2003/87.

37 — Artikolu 12(3) *in fine* tad-Direttiva 2003/87.

21. Is-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra hija kkaratterizzata minn loġika ta' kontabbiltà[38] b'saħħitha. Barra minn hekk, jinżamm reġistru fuq livell nazzjonali, li jżomm kontijiet separati sabiex jiġu rreġistrati l-kwoti miżmuma, maħruġa jew ittrasferiti għal kull persuna kkonċernata[39]. Iż-żamma ta' din il-kontabbiltà stretta hija wisq iktar neċessarja peress li l-osservanza mill-operaturi tal-obbligi tagħhom abbażi tas-sistema ta' skambju tiddependi wkoll mill-osservanza tal-impenn mogħti mill-Istati Membri u mill-Unjoni, fuq il-livell Komunitarju u dak internazzjonali, li jnaqqsu sostanzjalment l-emissjonijiet antropiċi aggregati ta' gassijiet serra[40].

22. Il-funzjonament tajjeb tas-sistema huwa ggarantit mid-definizzjoni tal-multi stabbilita fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87. B'mod klassiku, l-Artikolu 16(1) jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw is-sistema ta' multi applikabbli f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati b'applikazzjoni tad-Direttiva. Il-multi stabbiliti mill-Istati Membri għandhom ikunu "effettivi, proporzjonati u dissważivi".

23. Il-multi applikabbli fil-każ ta' ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni "suffiċjenti" ta' kwoti huma suġġetti għall-għażla libera tal-Istati Membri li jiġu ppreċiżati mid-Direttiva nfisha.

24. Minn naħa, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipproċedu għall-pubblikazzjoni tal-isem tal-operatur li jkun kiser l-obbligu li "[jirrestitwixxi] kwoti biżżejjed"[41]. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija Stati huma obbligati wkoll li jimponu multa fuq kull operatur li ma jkunx irrestitwixxa, sat-30 ta' April ta' kull sena, "kwoti biżżejjed [...] sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu matul is-sena ta' qabel"[42]. Il-multa hija ppreżentata, skont l-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87, bħala "penali għall-eċċess ta' l-emissjonijiet". Il-leġiżlatur stess stabbilixxa l-ammont ta' din il-multa. B'hekk, għall-perijodu 2005-2008, "l-Istati Membri għandhom japplikaw il-penali l-iktar baxxa għall-eċċess ta' l-emissjonijiet ta' EUR 40 għal kull tunnellata metrika tad-dijossidu tal-karbonju mormija minn dik l-istallazzjoni li għaliha l-operatur ma jkunx ċeda kwoti"[43]. Huwa ppreċiżat ukoll li "l-ħlas tal-penali għall-eċċess ta' l-emissjonijiet ma għandux jeħles lill-operatur mill-obbligu li jċedi ammont ta' kwoti egwali għall-dawk l-emissjonijiet maqbuża meta jċedi l-kwoti f'relazzjoni mas-sena kalendarja ta' wara"[44].

## B – *In-natura polimorfika tal-ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni tal-kwoti*

25. Mill-kliem tal-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 jirriżulta li l-multa hija maħsuba bħala "penali għall-eċċess ta' l-emissjonijiet" u li l-ammont stabbilit mil-leġiżlatur japplika "għal kull tunnellata metrika tad-dijossidu tal-karbonju mitfugħ minn dik l-istallazzjoni li għaliha l-operatur ma jkunx ċeda kwoti". Id-domandi tal-qorti tar-rinviju jirrigwardaw preċiżament il-fatt dwar jekk il-multa għandhiex tiġi imposta taħt l-istess kundizzjonijiet għall-operatur li, mingħajr ma jkun ħati ta' emissjonijiet ta' livell ogħla mill-kwantità awtorizzata, ma jkunx irrestitwixxa formalment il-kwoti fis-sens tal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87, b'mod li tiġi imposta l-multa stabbilita minn din id-direttiva għal kull tunnellata ta' ekwivalent ta' dijossidu tal-karbonju mormija, li għaliha ebda kwota ma tkun ġiet irrestitwita sat-30 ta' April minkejja li l-operatur ikollu dik il-kwota.

26. F'dan ir-rigward, in-Naturvårdsverket, il-Gvern Grieg kif ukoll il-Kummissjoni essenzjalment isostnu l-pożizzjoni li ġejja. Il-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet previst fl-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 jiggarantixxi l-applikazzjoni uniformi, effikaċi u trasparenti ta' din id-direttiva. Fid-dawl tal-għan fundamentali segwit minn din id-direttiva, jiġifieri l-ħarsien tal-ambjent, u minħabba

38 — Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/87.

39 — Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87.

40 — Ara l-premessa 4 tad-Direttiva 2003/87.

41 — Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2003/87.

42 — Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87.

43 — Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2003/87. L-ammont tal-multa għalhekk ġie stabbilit f'livell inqas għoli matul l-hekk imsejjaħ perijodu ta' "apprendistat" (jiġifieri għall-perjodu 2005-2008).

44 — Artikolu 16(4) *in fine*, tad-Direttiva 2003/87.

l-fatt li l-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' skambju jiddependi mid-dixxiplina ta' kull wieħed mill-intervenjenti, il-multa tkun dovuta indipendentement mill-fatt dwar jekk l-operatur kellux jew le numru ta' kwoti li jikkorrispondu mal-emissjonijiet reali. Peress li l-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 jaġixxi bħala *lex specialis* fir-rigward tal-Artikolu 16(1) ta' din id-direttiva, is-sanzjoni imposta li jimponi għandha tiġi applikata b'mod strett u l-multa prevista għandha tiġi imposta bl-istess mod, fl-interess ġenerali, fin-nuqqas ta' restituzzjoni f'ħin xieraq ta' kwoti biżżejjed sabiex jiġu koperti l-emissjonijiet u l-eċċess ta' kwoti ta' emissjoni. Il-kunċett ta' "eċċess ta' emissjonijiet" fis-sens tal-Artikolu 16(3) u (4) tal-imsemmija direttiva għandu jinftiehem fis-sens li jinkludi kull kwota, kemm jekk miżmuma u kemm jekk le, li ma tiġix restitwita fit-terminu stabbilit.

27. Nammetti li għandi ċerti diffikultajiet li nsegwi dan l-argument. Għalkemm nifhem faċilment l-importanza li għandu, għas-sistema ta' skambju sħiħa, l-osservanza minn kull operatur tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2003/87, madankollu nibqa' tal-fehma li l-ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni ma huwiex tal-istess intensità meta jkun magħruf u stabbilit li l-operatur ikollu numru suffiċjenti ta' kwoti jew meta jkun, għall-kuntrarju, ħati ta' emissjonijiet eċċessivi, ta' livell ogħla minn dak awtorizzat min-numru ta' kwoti li jkollu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-applikazzjoni tal-istess sanzjoni għaż-żewġ każijiet ta' ksur tad-Direttiva 2003/87 li huma ta' natura u ta' portata ferm distinti, tidher li hija problematika. L-analiżi litterali u teleoloġika tal-Artikolu 16(3) u (4) tal-imsemmija direttiva tikkonferma, fil-fehma tiegħi, li għandha ssir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet.

28. Fil-fatt, minn perspettiva litterali, għandu jiġi rikonoxxut li t-test tal-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 ċertament ma huwiex nieqes minn ambigwitajiet. Dan premess, sa fejn is-sistema sħiħa hija bbażata fuq il-premessa li l-operaturi huma detenturi ta' awtorizzazzjoni ta' emissjoni u li, bħala konsegwenza ta' dik l-awtorizzazzjoni, ċertu numru ta' kwoti huwa allokat lilhom, jidher li "eċċess ta' l-emissjonijiet" fis-sens ta' dan l-artikolu neċessarjament jirreferi għal emissjoni li ma tkunx koperta minn kwota allokata u miżmuma. Mit-test tal-imsemmi artikolu jirriżulta wkoll li s-sanzjoni tirrigwarda "kull operatur li ma jċedix *kwoti biżżejjed* [...] *sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu matul is-sena ta' qabel*"[45] minkejja li seta' jillimita ruħu li jirreferi biss għal "kull operatur li ma jċedix". Wieħed għandu jiddeduċi minn din il-preċiżjoni li l-multa imposta abbażi tal-istess artikolu ma tippenalizzax il-ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni *per se* iżda, għall-kuntrarju, il-ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni li jirriżulta mill-fatt li operatur ma jkollux biżżejjed kwoti sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu u ma jkunx akkwista kwoti mis-suq, bil-konsegwenza li l-imsemmi operatur isir ħati ta' eċċess ta' emissjonijiet fis-sens ta' emissjonijiet mhux awtorizzati.

29. Din l-interpretazzjoni litterali hija kkorroborata mill-analiżi teleoloġika. B'hekk, l-abbozzi preparatorji tad-Direttiva 2003/87 juru li l-objettiv segwit mis-sanzjoni prevista fl-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 huwa li "[l-]ammont [tal-multa] jkun għoli biżżejjed sabiex l-unika soluzzjoni razzjonali għall-operatur tkun li jakkwista mis-suq kwoti biżżejjed sabiex ikopri l-emissjonijiet effettivi tal-installazzjoni tiegħu"[46]. Bħala konsegwenza, il-*quantum* tal-multa ġie stabbilit mil-leġiżlatur skont il-prezz stmat tal-kwota b'mod li jingħata inċentiv lill-operaturi sabiex jfornu ruħhom mis-suq[47].

30. Is-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali hija waħda atipika sa fejn huwa stabbilit li, għas-sena 2007, iż-żewġ kumpanniji li għalihom ġiet imposta multa kellhom kwantità ta' kwoti ferm ogħla mill-kwantità ta' emissjonijiet effettivi. B'hekk, ma kienx neċessarju għalihom li jippruvaw jakkwistaw il-kwoti neqsin mis-suq. L-objettiv ta' inċentiv segwit mis-sanzjoni fl-imsemmi artikolu b'hekk jikkonferma li din id-dispożizzjoni tirrigwarda s-sitwazzjoni ta' operatur li ma jkunx irrestitwixxa biżżejjed kwoti sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu għaliex ma jkunx akkwista l-kwoti neqsin mis-suq. Huwa dan it-tip ta' aġir partikolarment qarrieqi li għandu jiġi ppenalizzat b'mod sinjifikattiv u li għandu jiġi suġġett għall-multa prevista fl-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87.

45 — Enfasi miżjuda minni.

46 — Punt 17 tal-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE [KUMM(2001) 581 finali].

47 — Ara l-proposta ta' direttiva ċċitata iktar 'il fuq (p. 52).

31. Min-naħa l-oħra, għalkemm in-nuqqas ta' restituzzjoni saż-żmien stipulat jikkostitwixxi mingħajr dubju tfixkil tas-sistema, minħabba r-rigorożità tal-loġika ta' kontabbiltà li fuqha hija bbażata, ma għandux jintesa l-fatt li l-kumpanniji inkwistjoni ma kienu ħatja ta' ebda tniġġis addizzjonali u li ma ġiex stabbilit li, fil-każ ta' dawn iż-żewġ kumpanniji, ir-restituzzjoni tardiva kienet motivata b'intenzjoni pprovata li jiksru s-sistema, li jispekulaw fuq is-suq u/jew li jiksbu vantaġġ li jista' joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni [48], u dan b'mod partikolari peress li, skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-kontijiet tat-tranżazzjonijiet tagħhom ġew ibblokkati malajr mill-awtorità inkarigata mill-amministrazzjoni tar-reġistru [49]. Skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2003/87, il-multa tinkludi, barra minn hekk, il-pubblikazzjoni tal-isem "ta' l-operaturi li jkunu kisru l-[obbligu] li jċedu kwoti biżżejjed". Dan il-metodu, imnebbaħ mill-kunċett ta' "name and shame", li huwa applikat fil-kuntest ta' din id-direttiva, jagħmel sens biss jekk l-operaturi jkunu ħatja ta' emissjonijiet ta' livell ogħla mill-kwantità awtorizzata mingħajr ma jsegwu r-regoli tas-suq, jiġifieri li jakkwistaw il-kwoti neqsin mis-suq u li b'dan il-mod ikunu pperikolaw l-kisba tal-objettiv segwit mill-imsemmija direttiva. F'dan ir-rigward, jiġi nnutat li l-pubblikazzjoni tal-isem taż-żewġ kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali, li tikkostitwixxi l-korollarju tas-sanzjoni prevista fl-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87, hija manifestament mhux mistħoqqa fid-dawl tal-elementi li għadni kif semmejt.

32. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jkoprix is-sitwazzjoni ta' ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni minn operatur li effettivament ikollu kwoti biżżejjed fit-30 ta' April tas-sena kkonċernata sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu għas-sena li tkun għaddiet u li b'hekk ma jkun ħati ta' ebda tniġġis ta' livell ogħla mill-kwantità awtorizzata. Minn din il-konstatazzjoni jirriżulta li t-tieni domanda li saret mill-qorti tar-rinviju hija irrilevanti għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tal-kawża prinċipali.

33. Din il-konklużjoni ma tfissirx, madankollu, li l-ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma għandux jiġi ppenalizzat, iżda jfisser biss li s-sanzjoni tal-ommissjoni, minn operatur li jkollu kwoti biżżejjed sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu għas-sena preċedenti, li jirrestitwixxi dawn il-kwoti sat-30 ta' April ma ġietx armonizzata mil-leġiżlatur tal-Unjoni u tħalliet fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. L-impożizzjoni taż-żewġ multi fil-kawża prinċipali b'hekk għandha bħala bażi ġuridika mhux l-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87 iżda l-Artikolu 16(1) tal-imsemmija direttiva.

34. L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87 jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' sanzjonijiet li tkun proporzjonata. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi, jidher li huwa utli li jiġu fformulati ċerti osservazzjonijiet sabiex jiġu kkunsidrati mill-qorti tar-rinviju li, sabiex taqta' l-kawża prinċipali, trid naturalment tindirizza l-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjoni tad-dritt Svediż li fuq il-bażi tagħha ġew imposti l-multi tissodisfax ir-rekwiżit ta' proporzjonalità.

## C – *Rimarki finali dwar il-proporzjonalità tal-multi inkwistjoni fil-kawża prinċipali*

35. Il-bażi ġuridika taż-żewġ multi imposti fuq il-kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali b'hekk huwa l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87. Skont dan l-artikolu, hija fil-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw is-sistema ta' sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-direttiva u l-imsemmija sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

48 — F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li motiv radikali li tiġi evitata kull tentazzjoni spekulattiva li għaliha jistgħu jkunu suġġetti l-operaturi waqt li fl-istess ħin jiġi ggarantit vantaġġ għall-ambjent jikkonsisti fi tnaqqis drastiku tan-numru ta' kwoti allokati mill-Istati Membri [ara s-sentenza Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 31)]. B'hekk mill-proċess jirriżulta li, fit-30 ta' April 2007 – jew, ċertament, matul il-perijodu ta' apprendistat tas-sistema –Billerud Karlsborg AB u Billerud Skärblacka AB kellhom rispettivament 66 705 kwota (li minnhom 10 828 kienu suġġetti għall-obbligu ta' restituzzjoni) u 178 405 kwota (li minnhom 42 433 kienu suġġetti għall-obbligu ta' restituzzjoni).

49 — Skont id-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-kontijiet ta' tranżazzjoni kienu bblokkati b'effett minn data bejn l-1 u l-14 ta' Mejju 2007.

36. Fin-nuqqas ta’ armonizzazzjoni globali tas-sistema ta’ sanzjonijiet għall-ksur tar-regoli stabbiliti mid-direttiva, l-Istati Membri għandhom jingħataw diskrezzjoni wiesgħa [50]. Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, “fin-nuqqas ta’ armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta’ nuqqas ta’ osservanza tal-kundizzjonijiet previsti minn sistema stabbilita b’din il-leġiżlazzjoni, l-Istati Membri għandhom is-setgħa li jagħżlu s-sanzjonijiet li jidhrilhom li huma xierqa. Madankollu, huma marbuta li jeżerċitaw is-setgħa tagħhom filwaqt li jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali tiegħu, u konsegwentement, billi josservaw il-prinċipju ta’ proporzjonalità” [51]. Għaldaqstant, l-imsemmija sanzjonijiet ma għandhomx “jaqbżu l-limiti ta’ dak li huwa xieraq u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimament imfittxija minn din il-leġiżlazzjoni” u “l-iżvantaġġi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta pparagunati mal-għanijiet imfittxija” [52]. Il-prinċipju ta’ proporzjonalità jeħtieġ, barra minn hekk, jorbot “lill-Istati Membri mhux biss f’dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-elementi li jikkostitwixxu ksur u d-determinazzjoni tar-regoli relattivi għall-intensità tal-multi, iżda anki f’dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-iffissar tal-multa” [53]

37. L-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 8 tal-liġi EQE għall-kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali b’hekk għandha titqies bħala s-sanzjoni applikata mill-awtorità Svediża kompetenti għall-ksur tal-obbligu ta’ restituzzjoni minn operatur li kellu, fit-30 ta’ April tas-sena kkonċernata, kwoti biżżejjed sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu għas-sena preċedenti u li ma jkunx ħati ta’ tniġġis ta’ livell ogħla mill-kwantità awtorizzata. Kull waħda mill-imsemmija kumpanniji b’hekk kienet imġiegħla tħallas multa, ta’ ammont sinjifikattiv (3 959 366 SEK u 15 516 051 SEK rispettivament), li ġiet applikata b’mod awtomatiku, u jidher li dan sar mingħajr preavviż u mingħajr il-possibbiltà ta’ bidla, għal kull tunnellata ta’ ekwivalent ta’ dijossidu tal-karbonju mormija matul is-sena li tkun għaddiet. Il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat li jippreċiża mhux biss li d-Direttiva 2003/87 tirrispetta d-drittijiet fundamentali [54] iżda wkoll li l-istabbiliment tas-suq tal-kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra għandu jsir “bl-inqas tnaqqis possibbli ta’ l-iżvilupp ekonomiku u tax-xogħol” [55].

38. L-awtorità Svediża kompetenti b’hekk allinjat is-sistema ta’ sanzjonijiet ma’ dik prevista fl-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87. Dan l-allinjament, li bin-natura ferm ripressiva tiegħu, huwa intiż li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv segwit b’mod leġittimu mid-Direttiva 2003/87 ta’ ħarsien tal-ambjent permezz tat-tnaqqis, finalment, tal-emissjonijiet antropiċi ta’ gassijiet serra u tad-dissważjoni ta’ kull aġir li jfixkel is-sistema ta’ skambju stabbilita minn din id-direttiva. F’dawn iċ-ċirkustanzi, l-impożizzjoni ta’ multa tidher li hija neċessarjament adattata sabiex jinkiseb l-objettiv segwit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

39. Madankollu, hemm lok li wieħed jistaqsi jekk din taqbiżx il-limiti ta’ dak li huwa neċessarju għall-kisba tal-objettivi leġittimi. F’dan ir-rigward, ser nillimita ruħi li nikkjarifika l-iktar elementi rilevanti tal-mekkaniżmu ta’ sanzjoni previst fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu 8 tal-liġi EQE.

40. Infakkar, għaldaqstant, li mill-proċess ma jirriżultax li ż-żewġ kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali rċevew xi preavviż jew nota ta’ tfakkir qabel ma ġew imposti l-multi. B’hekk, setgħet faċilment tiġi prevista miżura inqas restrittiva [56]. Barra minn hekk, in-natura awtomatika u immedjata tal-impożizzjoni tal-multa tipprekludi kwalunkwe eżami jew kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, għalkemm l-ewwel nett, żball amministrattiv jew tekniku jkun ta lok għall-ksur tal-obbligu impost mid-direttiva, it-tieni nett, ebda tniġġis ta’ livell ogħla mill-kwantità awtorizzata ma jkun ġie

50 — Ara, b’analoġija, is-sentenza tad-29 ta’ Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs L-Estonja (C-505/09 P, punt 53).

51 — Sentenza tad-9 ta’ Frar 2012, Urbán (C-201/10, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 — Sentenza Urbán, iċċitata iktar ’il fuq (punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 — Ara, b’analoġija, is-sentenza Urbán, iċċitata iktar ’il fuq (punt 54).

54 — Premessa 27 tad-Direttiva 2003/87.

55 — Premessa 5 tad-Direttiva 2003/87.

56 — Fir-rigward tal-impożizzjoni tal-multa prevista fl-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87, id-dritt Franċiż, pereżempju, jipprovdi li l-awtorità kompetenti għandha tintima lill-operatur li jkun kiser l-obbligu li jċedi numru ta’ kwoti suffiċjenti sabiex jissodisfa dak l-obbligu f’terminu ta’ xahar (ara l-Artikolu L229-18, paragrafu II tal-Kodiċi Ambjentali).

kkawżat u ebda abbuż ma jkun ġie stabbilit b'mod konkret u t-tielet nett, mill-proċess jirriżulta – taħt riżerva ta' verifika mill-qorti tar-rinviju – li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkuntattjaw, sa mill-14 ta' Mejju 2007, lill-awtorità inkarigata mill-amministrazzjoni tar-reġistru sabiex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni tagħhom, u li din l-awtorità kienet diġà ffriżat il-kontijiet ta' tranżazzjoni tagħhom.

41. Bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, jista' jiġi kkonstatat li l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 8 tal-liġi EQE għall-kumpanniji rikorrenti fil-kawża prinċipali, b'rigorożità ferm partikolari, finalment tirriżulta li ma hijiex proporzjonata mal-intensità tat-tfixkil ikkawżat għas-sistema ta' skambju.

42. B'hekk, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżit ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87 jipprekludi mekkaniżmu ta' sanzjonijiet bħal dak previst fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu 8 tal-liġi EQE inkwantu japplika, taħt l-istess kundizzjonijiet, b'mod awtomatiku, immedjat u mingħajr eżami taċ-ċirkustanzi tal-operatur li ma jkunx issodisfa l-obbligu ta' restituzzjoni minkejja li kellu kwoti biżżejjed sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu u ma kienx ħati ta' ebda tniġġis f'livell ogħla mill-kwantità awtorizzata.

## V – Konklużjoni

43. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Högsta domstolen:

L-Artikolu 16(3) u (4) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jkoprix is-sitwazzjoni ta' ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni minn operatur li effettivament ikollu kwoti biżżejjed fit-30 ta' April tas-sena kkonċernata sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu tas-sena preċedenti u li ma jkun ħati ta' ebda tniġġis ta' livell ogħla mill-kwantità awtorizzata.

Il-bażi legali tas-sanzjoni għall-ksur tal-obbligu ta' restituzzjoni minn operatur, li fir-rigward tiegħu huwa paċifiku li huwa jkollu numru suffiċjenti ta' kwoti sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu tas-sena preċedenti, u meta ma jkun ħati ta' ebda tniġġis ta' livell ogħla mill-kwantità awtorizzata, huwa l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87.

F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżit ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2003/87 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, bla ħsara għall-verifiki fattwali neċessarji mill-qorti tar-rinviju, mekkaniżmu ta' sanzjoni bħal dak previst mill-Artikolu 6 tal-Kapitolu 8 tal-liġi Nu 1199 tal-2004 dwar l-iskambji ta' kwoti ta' emissjonijiet [lagen (2004:1199) om handel med utsläppsrättigheter] inkwantu ġie applikat, taħt l-istess kundizzjonijiet, b'mod awtomatiku, immedjat u mingħajr kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi, għall-operatur li ma ssodisfax l-obbligu ta' restituzzjoni minkejja li kellu kwoti biżżejjed sabiex ikopri l-emissjonijiet tiegħu u minkejja li ma kien ħati ta' ebda tniġġis f'livell ogħla mill-kwantità awtorizzata.